

# Din...Don...Dan... Donnn...Dannn...



*P. Karm Ferrante O. Carm*

Il-widnejn twaqqfu, l-għajnejn infetħu u tberrqu, l-uċuh iddawlu. Kienu qed jindaqqu l-qniepen il-ġodda għall-ewwel darba. Dak kien ħoss tassew sabieħ; ma kienx il-ħoss monotonu, stunat u bla ħajja li kien jinstama' qabel minn fuq il-kampnar tal-Knisja Matriċi ta' Santa Venera! Dak kien ħoss.... HOSS... ikrah u li jweġġa' l-widnejn , għalkemm kien ħoss li laħaq indara matul madwar u 'l-fuq minn disa' u disgħin sena. Kull min kien jisma' l-ħoss ta' dawk li kellhom il-forma u li kienu jissejjħu qniepen, kien malajr jinduna li dawk kienu "l-landi mġelġla" tal-Knisja ta' Santa Venera! ....Dank...klonk... plonk..... Kien ħoss li kien jingħaraf mill-kruha tiegħu. Imma dak kien hemm!

Issa l-qniepen tal-Matriċi saru jingħarfu wkoll għax tista' tgħid li minn kważi sena l-hawn, meta jindaqqu l-qniepen il-ġodda, l-ħoss huwa melodjuż, ritmiku, sabieħ.



*Il-wasla tal-qniepen ġodda*

Iva issa jitwaqqfu l-widnejn biex jisimgħu ħoss li jagħtik pjaċir, ħoss li ġej mhux biss mill-forma ta' qanpiena, imma wieħed intunat kif għandek tistenna minn qanpiena u waqt mota sħiħa, għalkemm minn tliet qniepen biss....Din...Don... Dan...Dinnn...Donnn...Dannn....

Il-kampanologu Kenneth Cauchi kien ta'sikwit jitla' ħdejn il-kampnar waqt ir-restawr minħabba x-xogħol professjonali tiegħu. Kien interessa ruħu fit-tliet qniepen li kien hemm. Kien tana tagħrif siewi fuq l-oriġini, l-ħoss u l-funderija tagħhom. Kien għarrafna li barra li t-tlieta li huma kienu stunati għal kollox u kellhom biss il-forma ta' qniepen, lanqas valur ma kellhom. Anzi ż-żgħira kienet xi ftit importanti minħabba li l-fundatur tagħha kien il-magħruf Mastru Ġulju Cauchi (Kenneth Cauchi ma jiġix minnu). Meta r-restawr tal-kampnar kien għadu nofs leħja, is-Sur Cauchi tkellem mal-Pirjol (Patri Charles Mallia) u beda jħajru biex jinbidlu l-qniepen ħalli jkun hawn sett li jixraq. Issa l-kampnar kien ser ikun fl-istat oriġinali tiegħu, u kien jixraq li minnu jibda jinstama' l-ħoss ta' qniepen veru u ntunati kif għandu jkun. Huwa argument tajjeb ħafna li l-qanpiena għandu jkollha mhux biss il-forma, imma li meta tindaqq tkun tinstama' ta' qanpiena li hi. Meta jkun hemm



*It-tberik tal-qniepen*

id-daqq ta' iżjed minn qanpiena waħda, dan għandu jinstama' f'mota melodjuża u ritmika li tpaxxi l-widnejn.

Għalkemm kellna quddiem għajnejna l-ispiża kbira tar-restawr tal-kampnar li kellu jqum madwar 80,000ewro, ġejna assigurati li l-ispiża tat-tliet qniepen ġodda kienet tingabar malajr. Ma domniex biex iddeċidejna favur il-proġett, u f'kemm ili ngħidlek, il-qniepen ġew ordnati għand il-fundaturi magħrufa Paccard ta' Annecy fi Franza. Saret ħafna korrispondenza u xi tħejjijiet meħtieġa. Ġie magħżul id-disinn kemm tal-qniepen innifishom kif ukoll tal-kuruni tagħhom (il-kuruna ta' qanpiena hija dik il-parti li ninnha tiġi mdendla). L-ismijiet kienu wkoll magħżula. Il-kbira kellha tissemma Venera, il-fustanija Marija, u ż-żgħira Ġorġina. In-noti mużikali biex jiġu ntunati l-qniepen bihom kienu: Re naturali, Fa diesis u La naturali. Barra li dawn in-noti kellhom jiġu mmarkati fuq il-qniepen ħdejn il-kuruna tagħhom; kellhom isiru wkoll xi xbihat u kitbiet fuqhom. Għall-ewwel kien maħsub li jsiru "logos" relattivi għal kull qanpiena, imma deher li kien ikun aħjar jekk isiru xbihat minbarra dik ta' Kristu msallab. Din kellha tidher fuq kull dedika. B'hekk ġie deċiż li jsiru xbihat ta' Santa Venera fuq il-kbira, tal-Madonna tal-Karmnu fuq il-fustanija, u ta' San Ġorġ Preca fuq iż-żgħira. Ġew mfassla wkoll il-kitbiet li kellhom isiru fuq kull qanpiena bħala dedika:

**VENERA**

*F'ġieħ Santa Venera Verġni u Martri Titular*
*Ta' din il-Knisja*
*U Patruna tal-Parroċċa Li isimha*
*Jġib dan ir-raħal*

**MARIJA**

*F'ġieħ*
*L-Omm u l-Ġmiel tal-Karmelu*
*Li uliedha ħadu f'idejhom*
*Din il-Knisja*
*Fl-1913*

**ĠORĠINA**

*F'ġieħ San ĠorĠ Preca*
*Li sar Terzjarju Karmelitan*
*F'din il-Knisja*
*U miet*
*F'din il-Parroċċa*
*Nhar is-26 ta'Lulju 1962*

Kitbiet oħra b'ittri ħafna iżgħar kellhom juru l-funderija u l-ordni flimkien mas-sena li fiha ġew maħduma. Din il-kitba bil-Latin tinsab fuq iċ-ċirku t'isfel tal-qanpiena.

Il-qanpiena l-kbira tiżen 166kg, il-fustanija 100kg u ż-żgħira 57kg.

Jekk l-ordni ma damitx ma saret, it-tweġiba ma għamlitiliex għajb. Kienet immedjata. Fix-xhar ta' Lulju sirna nafu li l-qniepen kienu

*ikompli f'paġna 36*



*Ċerimonja tat-tlugħ tal-qniepen*

kważi lesti. Fil-11 ta' Awwissu il-qniepen il-ġodda kienu qegħdin fil-port ta' Antwerp fil-Belġju jistennew li jaqbdu triqthom lejn Malta. It-tlieta li huma kienu ppakkjati f-kaxxa tal-injam imfassla apposta. Kien ittamat li jekk kollox kien jimxi ħarir, huma kellhom jaslu f'pajjiżna fis-17 ta' Awwissu 2011. Imma kif jgħidu: Ix-xitan m'għandux ħalib. Minħabba xi maltemp qawwi fl-inħawi, l-vapur ma salpax. Iżjed ma kien hemm ħerqa u mistennija għall-wasla tagħhom, iżjed li donnu l-qlub kellhom jittertqu xi ftit ieħor! Imma fl-aħħar waslet l-aħbar tant mixtieqa. Fl-aħħar nhar l-24 ta' Awwissu għall-ħabta tas-2.00pm, il-Pirjol ġie mgħarraf bit-telefon li l-qniepen kienu waslu Malta. Mal-aħbar il-ħerqa nbidlet f'entużjażmu kbir..., ejja ħalli nġibuhom mill-aktar fis! Imma l-kaxxa ma setgħetx titħalla mil-Marsa jekk mhux bl-approvazzjoni tas-Sur Kenneth Cauchi. Il-Pirjol beda jċempel telefon wara l-ieħor, imma ma kienx hemm risposta! Kien biss l-għada, 25 ta' Awwissu għall-ħabta tal-10.00am li l-kuntatt intlaħaq u ġie miftiehem li l-kaxxa bil-qniepen kella titħalla toħroġ fil-5.00pm.

Kif dan ġie miftiehem, is-Sur Charlie Scerri flimkien ma xi dilettanti oħra bdew iċemplu lil oħrajn biex issir "carcade" li twassal il-qniepen b'xi ftit tal-ħoss sal-Misraħ. Għalkemm ma kienx hemm wisq ħin, intlaħaq numru mhux ħażin li riedu jieħdu sehem fil-"carcade". Konna l-Marsa ftit qabel il-ħamsa u wara li s-Sur Cauchi ffirma l-karti meħtieġa, bdiet tinfetaħ il-kaxxa tal-injam. Ma kienx hemm ċans li ssir ħsara lill-qniepen fit-trasport għax kienu ppakkjati tassew bis-sengħa. Tistgħu taħsbu kif malli l-qniepen imdehba u jleqqu dehru għad-dawl ta' dik l-għaxija l-għajnejn tberrqu

għal dak li raw quddiemhom. Issa kulħadd kellu xewqa kbira li jisma' xi tokk. Mad-daqqa ta' lsien minnhom fuq iż-żgħira l-uċuħ xegħlu u leħħew....; dak tassew li kien ħoss sabieħ!!!!!

It-tliet qniepen iddawru b'liedna safra u blu u tgħabbew fuq trakk tal-ġarr. Nzerta li dak it-trakk kien miżbugħ isfar u blu!!!! Il-"carcade" telqet u fost id-daqq tal-ħornijiet u t-tixjir ta' xi bnadar tlajna ċeklem ċeklem minn triq San Ġużepp, il-Ħamrun u lejn it-tondjatura ta' Fleur-de-lys sa ma nżilna minn Triq Braille. Meta dħalna f'Misraħ Santa Venera kien hemm ġemgħa tistenna ħalli jkunu minn tal-ewwel li jaraw il-qniepen il-ġodda. Ritratti bla għadd, kummenti kemm Alla ħalaq....Il-ħolma ta' qniepen ġodda seħħet tassew. Sadanittant il-qniepen bdew jinħattu minn fuq it-trakk u ddaħħlu għall-kenn sakem jasal jum it-tberik u t-tlugħ tagħhom fil-kampnar. Għax tgħid, qisu li kollox kien ippjanat! Dak inhar stess, il-25 ta' Awwissu, r-restawr tal-kampnar kien tlesta minn kollox għall-ħabta tal-12.30pm. Il-kampnar restawrat, bħallikieku xi "missier" ukoll kellu ħerqa kbira biex jilqa' "lil uliedu"!!!!!

Id-data għat-tberik tal-qniepen il-ġodda, wara ħafna konsultazzjoni, ġiet iffissata għat-13 ta' Novembru 2011 fil-11.00am. Dak jum il-Ħadd kien jaħbat lejlet il-festa titulari ta' Santa Venera fil-Knisja Matriċi. Billi l-għada, 14 ta' Novembru, kellha tkun il-festa titulari tal-Knisja ġie deċiż li dakinhar filgħodu (l-għada tat-tberik), jiġu mtellgħin u mqegħda fil-kampnar. Iz-zuntier tal-Knisja żżejjen bi twapet ħomor, qsari u fjuri, filwaqt li l-qniepen iddendlu ma' travett tal-ħadid u merfugħin bi krejn li s-Sur Raymond Mallia kien offra għal dak il-għan. Għat-tberik tal-qniepen kien mistieden il-WRP Provinċjal Michael Farrugia O Carm. Inġabret folla mdaqqsa ħerqana għal dik iċ-ċermonja li tista' tgħid li ħadd qatt ma ra f'Santa Venera u li qajla setgħu jerġħu jaraw matul ħajjithom! Il-Kumitat Festi Esterni ta' Santa Venera kien ħa ħsieb li jtella' xi armar u bnadar għall-okkażjoni. Il-Banda Filarmonika Santa Venera tat is-sehem tagħha b'daqq ferrieħi. Ma setax jonqos li l-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju ma ssemmax "leħinha"; ħarqu "kaxxa ċiniża" minn fuq il-bejt tas-Sur Charlie Scerri. Ta' min jgħid ukoll li ħa sehem il-kor tat-tfal immexxi mis Sra Pauline Mizzi u kantat ukoll is-Sinjorina Grezja Bezzina. Wieħed kien jinnota sewwa ċerta għaqda u ħeġġa liema bħalha. Dawn żgur li komplew saħħu u sebbħu l-okkażjoni!

Il-Pirjol (Patri Charles Mallia O Carm) fetaħ l-okkażjoni u b'diskors li fih ukoll semma l-għajnuna mogħtija waqt li żżiħajr lill-Onor. Ministru Tonio Fenech. Ħabbar ukoll li l-Parrini għat-tberik kienu: s-sinjuri Alfred Cachia u John Mizzi (Venera); s-sinjuri Doris Fleri Soler u Josephine Pace (Marija); Is-sinjuri Vincent Centurino u Godwin Aquilina (Ġorġina). Huwa spjega li dawn is-Sinjuri kienu ġew magħżula biex jirrappreżentaw lill-ħafna persuni (qara wkoll l-ismijiet tagħhom) li b'xi mod

*ikompli f'paġna 40*

jew ieħor dejjem taw l-għajnuna tagħhom lill-Komunita' u lill-Knisja tagħna. Sar diskors ukoll mis-Sur Kenneth Cauchi. Fir-rit tat-tberik, iċ-Ċelebrant, wara li jkun bierek kull qanpiena waħda, waħda, kellu jiġbed tokk fuq il-qanpiena. Ta' min ifakkar li ċ-Ċelebrant kellu fuqu l-pluvjal u stola bojod li żmien ilu kienu jintużaw fil-festa titulari u parrokkjali ta' Santa Venera, u li kienu ilhom snin twal ma jaraw id-dawl tax-xemx ! Il-ferħ u l-appezzament tal-ġemgħa setgħu jitqiesu miċ-ċapċipa kbira wara kull tokk mill-kbira saż-żgħira...... Dannnnnnn.....Donnnnnn..... Dinnnnnn.. Kien hemm min ma riedx jemmen li kien qed jisma' ħoss daqshekk sabieħ meta tul ħajtu twila kien imdorri jisma' dak il-ħoss ikraħ u stunat tal-qniepen il-qodma... Dank...Konk....Plonk! Ma tagħtihx tort. Kif spiċċa r-rit ta-tberik, dawk li kienu hemm ġew imħajra biex jiġbdu xi tokk huma wkoll. Tfal, żgħażagħ, kbar u xjuħ..... ħadd ma baqa' lura. Kien hemm min qajla xtaq jitlaq l-ilsien minn idejh! Kulħadd deher sodisfatt b'dak li ra u li kien qed jisma'.

L-għada, 14 ta' Novembru 2011, jum il-festa titulari fil-Knisja Matriċi, kmieni filgħodu saret it-tħejjija meħtieġa biex il-qniepen jittellgħu fil-kampnar u jixxekklu. L-għajnuna reġgħet ma naqsitx, u f'ħin relattivament qasir, kienu f'posthom lesti biex għall-ewwel darba jindaqqu f'mota solenni. Ma' nofsinhar neqsin kwarta bdew it-tokki bil-kbira u wara ndaqqet il-mota solenni. Kemm dehru ferħana dawk iż-żgħażagħ u dilettanti li bdew iċedu l-ilsien ta' waħda mill-qniepen lil xulxin f'dik l-ewwel mota solenni bil-qniepen il-ġodda! Kull min sama' dik il-mota, anke minn ċertu bogħod, lkoll kellhom kliem ta' tifħir....issa Santa Venera għandha qniepen ta' veru! Il-melodija u r-ritmu kienu jgħaxxquk! Hin bla waqt kien hemm min wera x-xewqa li ssir qanpiena oħra ftit ikbar biex ikunu sett ta' erba'......

Mela merħba lill-qniepen il-ġodda. Imma stenna ftit, x'ser isir minn dawk qodma li issa temmew xogħlhom? Temmew xogħolhom iva, imma ħajjithom le! Dawk, għalkemm wieħed jista' jgħid ma jiswewx tebaq fwiedhom bħala qniepen, għamlu xogħolhom għal viċin il-mitt sena. Jekk xejn huma storiċi. Minħabba f'hekk, l-ewwel ma kellha ssib postha kienet l-iżgħar u l-iżjed waħda antika. Dik kabbret l-importanza tagħha minħabba l-fatt li l-funditur tagħha kien Mastru Ġulju Cauchi. Dik kienet għamlet żmien (qabel inbena l-kampnar) issamma' leħinha fejn kienet imdendla....fil-ħnejja li hemm fil-frontispizju tal-Knisja. Dan għalkemm l-għan ta' dik il-ħnejja oriġinarjament ma kienx biex tiddendel xi qanpiena fih! Ma tantx kien diffiċli li jiġi deċiż id-destin tal-qanpiena ta Ġulju.. Reġgħet ġiet imtellgħa fl-istess ħnejja, minn fejn kienet issamma' leħinha meta kienet għadha waħidha, nhar it-30 ta' Novembru 2011. Forsi ma ssemmax leħinha iżjed, imma minn hemm fuq tagħti xhieda taż-żmien, tal-ħidma u l-bidla. Dwar it-tnejn l-oħra għad ma ġie deċiż xejn. Żgur li għandom jibqgħu fejn taw ħajjithom u li nippreservawhom ukoll. Sadanittant qegħdin jistennew id-destin tagħhom għall-ġejjieni. (tgħid hemm xi ħadd li joħroġ b'xi suġġeriment siewi?)